# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 5/2014 PC**

**Angelo u Maria Carmela *sive* Carmen konjuġi Gauċi**

**vs**

**Salvu Spiteri;**
**Emanuel Spiteri;**
**Michael Spiteri, u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2018,**
**il-ġudizzju ġie trasfuż fuq Salvina Spiteri,**
**Noel Spiteri, Joseph John Spiteri u Mary Jane mart**
**Charles Azzopardi minflok Michael Spiteri**
**stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża;**
**Maria xebba Spiteri;**
**George Sultana;**
**Rita mart Francis Costa;**
**Mary Jane mart Mario Camilleri;**
**Michelina armla ta' John Buttigieg;**
**Salvinu Buttigieg; u**
**l-Avukat Dr. Deborah Mercieca llum Camilleri**
**li b'digriet tal-20 ta' Frar 2014 ġiet nominata**
**Kuratur Deputat sabiex tirrappreżenta lill-**
**imsiefer Michael Buttigieg, u b'digriet tas-**
**26 ta' Novembru 2018 il-ġudizzju ġie trasfuż għal fuq**
**Julie Anne buining u Donna Marie Nagle hekk kif**
**Rappreżentati minn Dr. Anton Refalo, minflok**
**Michael Buttigieg stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża**

**Illum it-Tlieta, 7 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Guramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

1. Illi n-nannu matern ta' l-esponenti Maria Carmela si*ve* Carmen Gauci; u ċioe' Emanuel sive Manweli Buttigieg, ġia iben il-mejtin Michael Buttigieg u Giovanna sive Joan nee' Cauchi miet fil-ħamsa u għoxrin ta' Marzu elf disa' mija erbgħa u sebgħin (25.03.1974), filwaqt illi martu Angelica Buttigieg, ġia bint il-mejtin Anthony Cassar u Dolores nee' Farruġia mietet fil-ħdax ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u disgħin (11.01.1990);

2. Illi l-imsemmija Emanuel sive Manweli u Angelica konjuġi Buttigieg irregolaw il-wirt u suċċessjoni tagħhom permezz ta' testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi u datat id-disgħa ta' Awwissu elf disa' mija tnejn u sebgħin (09.08.1972); liema testment ġie sussegwentement emendat mill-imsemmija Angelica Buttigieg; dakinhar armla ta' Emanuel *sive* Manweli Buttigieg, permezz ta' testment pubbliku ieħor, ukoll fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi u datat it-tnax ta' Lulju elf disa' mija erbgħa u sebgħin (12.07.1974); u permezz ta' liema emenda l-imsemmija Angelica Buttigieg irrevokat diżpożizzjoni testamentarja kontenuta fit-testment *unica charta* fuq imsemmi u liema diżpozissjoni kienet tolqot biss beni parafernali tagħha;

3. Illi skont l-imsemmi testment *unica charta,* it-testaturi nnominaw lis-sitt uliedhom u ċioe' lil Maria Giovanna *sive* Mary Jane mart John Spiteri; Guzepp Buttigieg, ġuvni; Antonia ġia mart Joseph Sultana; Doris siv*e* Dolores Buttigieg, xebba; John Buttigieg; u l-konvenut Michael Buttigieg bħala werrieta universali tal-beni kollha tagħhom; salv għad-diversi legati illi tħallew skont dana l-istess testment;

4. Illi omm l-esponenti Maria Carmela sive Carmen Gauci; u ċioe' Maria Giovanna sive Mary Jane mart John Spiteri, ġia bint il-mejjet Emanuel sive Manweli Buttigieg u Angelica nee' Cassar mietet intestata fl-għaxra ta' Diċembru elf disa' mija wieħed u tmenin (10.12.1981), u għalhekk il wirt tagħha għadda skont il-liġi fuq il-ħamest uliedha u ċioe' l-esponenti Maria Carmela s*ive* Carmen Gauci u ħutha ossia l-konvenuti Maria, xebba; Salvu Spiteri; Michael Spiteri u Emanuel Spiteri; salv għall-użufrutt spettanti lil żewġha John Spiteri illi miet fl-erbgħa ta' Awwissu elf disa' mija tlieta u disgħin (04.08.1993);

5. Illi z-ziju matern ta' l-esponenti Maria Carmela sive Carmen Gauci; u ċioe' Guzepp Buttigieg; ġia bin il-mejtin Emanuel sive Manweli Buttigieg u Angelica nee' Cassar miet ġuvni u intestat fis-sitta ta' Diċembru elf disa' mija u ħamsa u disgħin (06.12.1995), u għalhekk il-wirt tiegħu għadda skont il-liġi fuq ħutu ħajjin, u fuq ulied ħutu l-mejtin *per stirpes;*

6. Illi z-zija materna ta' l-esponenti Maria Carmela sive Carmen Gauci; u ċioe' Antonia ġia mart Joseph Sultana, ġia bint il-mejtin Emanuel sive Manweli Buttigieg u Angelica nee' Cassar mietet fit-tlettax ta' Frar elf disa' mija sitta u disgħin (13.02.1996) u rregolat il-wirt u suċċessjoni tagħha permezz ta' testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat it-tnax ta' Novembru elf disa mija sitta u tmenin (12.11.1986) u permezz ta' liema hija nnominat u istitwiet lil żewġha Joseph Sultana bħala eredi

universali tagħha. Illi l-istess Joseph Sultana miet fl-erbatax ta' Jannar elfejn u tnejn (14.01.2002) u rregola l-wirt u suċċesjoni tiegħu permezz ta' testment pubbliku fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech u datat id-dsatax ta' Settembru elfejn u wieħed (19.09.2001), u ai termini ta' liema huwa nnomina u istitwixxa lil ħuħ George Sultana u lil martu Rose Sultana bħala eredi universali tiegħu;

7. Illi z-zija materna ta' l-esponenti Maria Carmela sive Carmen Gauci; u ċioe' Doris *sive* Dolores Buttigieg, xebba, ġia bint il-mejtin Emanuel sive Manweli Buttigieg u Angelica nee' Cassar mietet fit-tnein ta' Diċembru elfejn u għaxra (02.12.2010) u rregolat il-wirt u suċċessjoni tagħha permezz ta' testment pubbliku fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro datat it-tnax ta' Marzu elfejn u għaxra (12.03.2010) u permezz ta' liema hija nnominat u istitwiet lill-esponenti Angelo u Maria Carmela sive Carmen konjugi Gauci bħala eredi universali tagħha;

8. Illi z-ziju matern ta' l-esponenti Maria Carmela sive Carmen Gauci; u ċioe' John Buttigieg, ġia iben il-mejtin Emanuel sive Manweli Buttigieg u Angelica nee' Cassar miet fl-erbgħa u għoxrin ta' Marzu elf disa' mija u disgħin (24.03.1990) u l-wirt tiegħu għadda f'idejn uliedu u ċioe Salvinu Buttigieg, Rita mart Francis Costa u Mary Jane mart Mario Camilleri; salv għall-użufrutt riservat a favur ta' martu Michelina Buttigieg;

9. Illi l-kontendenti f'dina l-kawża huma għalhekk ikoll werrieta ta' l-antennati hawn fuq imsemmija, u l-atturi ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-konvenuti tal-beni provenjenti lilhom mill-wirt u suċċessjoni ta' l-istess;

10. Illi l-konvenuti naqsu milli jersqu għad-diviżjoni u qasma bonarja ta' l-assi relattivi u dana minkejja illi ġew interpellati anke' ġudizzjarjament sabiex jagħmlu dan;

11. Illi l-atturi jafu dawn il-fatti personalment;

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

(1) Tillikwida l-beni ġia formanti il-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Emanuel sive Manweli u Angelica konjugi Buttigieg billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it trattazzjoni tal-kawża;

(2) Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta' Emanuel Buttigieg u lill-assi partikolari ta' Angelica Buttigieg;

(3) Tillikwida il-beni partikolari ta' Emanuel Buttigieg billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjati lilu kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it trattazzjoni tal-kawża;

(4) Tiddividi l-beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Emanuel Buttigieg f'sitt (6) porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil uliedu u imbagħad lis-suċċessuri ta' dawk l-ulied kif fuq spjegat;

(5) Tillikwida il-beni partikolari ta' Angelica Buttigeig billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it trattazzjoni tal-kawża;

(6) Tiddividi l-beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Angelica Buttigieg f'sitt (6) porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil uliedha u imbagħad lis-suċċessuri ta' dawk l-ulied kif fuq spjegat;

(7) Tillikwida il-beni tal-mejjet Giusepp Buttigieg billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni li jiġu assenjati lilu mill-wirt u suċċessjoni tal-ġenituri tiegħu kif fuq ingħad, u f'dawk l-assi l-oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

(8) Tiddividi l-assi ta' Giusepp Buttigieg f'ħames (5) porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati wahda kull wieħed lill-ħames ħutu jew lis-suċċessuri tagħhom skont il-każ kif hawn fuq spjegat;

(9) Taħtar Nutar Pubbliku u tiffissa il-jum, ħin u lok għall pubblikazzjoni tal-opportun att ta' divizjoni tal-assi ereditarji hekk riżultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għal eventwali kontumaċi fuq l-istess att; u

(10) Fin-nuqqas, f'każ illi jirriżulta illi l-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna il-liċitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż kollha kontra tagħkom, inkluż dawk tar-riċerki illi kellhom isiru kif ukoll dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 629/2011 fl-ismijiet "Angelo Gauci et vs. Rosina Sultana et", preżentata fis-26 ta' Settembru 2011, u dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 488/2013 preżentata fl-24 ta' Settembru 2013 fl-istess ismijiet; u

Bl-ingunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom ingunti.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti Salvu Spiteri, Emanuel Spiteri, Maria Spiteri, Michael Spiteri, George Sultana, Rose Sultana u l-Avukat Dottor Deborah Mercieca llum Camilleri għan-nom ta' Michael Paul Buttigieg, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament trid tiġi stabbilita l-konsistenza tal-assi li kellhom il-mejtin Emanuel u Angelika konjuġi Buttigieg, kif ukoll ta' Giusepp Buttigieg u jridu jiġu verifikati l-kwoti tal-kondividenti rispettivi;

2. Illi konsegwentement l-esponenti ma għandhom l-ebda oġġezzjoni għad-diviżjoni tal-wirt tal-mejtin Emanuel u Angelika konjuġi Buttigieg u lanqas għad-diviżjoni tal-wirt ta' Giusepp Buttigieg. Infatti l-esponenti interpellaw lil istess atturi diversi drabi sabiex

issir tali qasma, imma kienu l-istess atturi li daqqa bi skuża u daqqa b'oħra bdew jirrifjutaw li jersqu għal tali qasma. L-atturi saħansitra irrifjutaw li jagħtu lil esponenti ċavetta tal-post numru 20 Triq Ponta Żebbuġ u preferew li jiddepożitawha l-Qorti permezz taċ-ċedola numru 488/2013;

3. Illi f'każ li tintlaqa l-għaxar talba tal-istess atturi, l-esponenti jridu li l-bejgħ bil-liċitazzjoni jkun miftuħ għal oblaturi estranei.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuti l-ohra Rita Costa u Mary Jane Camillier li ġew notifikati b'din il-kawża imma għażlu li jibqgħu kontumaċi.

Rat in-Noti tal-istess Rita Costa u Mary Jane Camilleri tas-17 ta' Lulju 2014 li permezz tagħhom ddikjaraw li ma jopponux għat-talbiet tal-atturi, basta li l-ispejjeż relattivi jinqasmu skont l-ishma rispettivi tal-kontendenti.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Frar 2015 fejn innominat lill-perit Shawn Micallef sabiex jagħti valutazzjoni tal-beni mmobbli in diviżjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit tekniku, ppresentata fis-6 ta' April 2016 u minnu maħlufa fit-13 ta' Jannar 2017.

Rat id-domandi in eskussjoni li saru mill-konvenuti lill-espert tekniku fis-17 ta' Frar 2017.

Rat ir-risposti għal dawn id-domandi li saru mill-istess espert tekniku fl-10 ta' Mejju 2017, u minnu kkonfermati bil-ġurament fl-istess ġurnata.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Frar 2018 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, l-affidavits prodotti u dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-beni spettanti lilhom u lill-konvenuti mill-assi ereditarji tal-mejtin Emanuel sive Manweli u Angelica konjuġi Buttigieg, ġia nanniet tal-attriċi u l-parti l-kbira tal-konvenuti, u ta' Gużeppi Buttigieg, ġia ziju tal-attriċi u l-istess konvenuti.

L-assi in diviżjoni rriżulta li huma s-segwenti:

**A. Dawk provenjenti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' Manweli u Angelica konjuġi Buttigieg:**

1. **IMMOBBLI:**

(i) **Id-dar li ġġib in-numru għoxrin (20), fi Triq il-Ponta, ż-Żebbuġ, Għawdex, bir-raba annessa magħha**, stmati; il-parti indikata bin-numru wieħed (1) u bbordurata bil-kulur aħdar fuq il-pjanta a fol. 258 għall-prezz ta' mija u tmenin elf ewro (€180,000), u l-parti mmarkata bin-numru tlieta (3) u bbordurata bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta għall-prezz ta' tletin elf ewro (€30,000); il-perit tekniku spjega illi l-arti ndikata bin-numru tnejn (2) u bbordurata bil-kulur ikħal fuq l-istess hemm il-ħsieb li tiġi esproprjta mill-Gvern sabiex tinfetaħ triq pubblika, u għalhekk ma ġietx stmata;[1] in eskussjoni fisser li l-parti numru tlieta, għalkemm żgħira, ingħatat dak il-valur għax din tkun tiswa għal min għandu l-art tmiss magħha fuq dik in-naħa tat-triq proġettata f'każ li jiġi biex jiżviluppaha.[2]

(ii) **Raba' magħrufa bħala "ta' Ċenċ" fil-limiti Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' circa erbat elef, tmien mija u sitta u sebgħin metru kwadru (4876m.k.),** tmiss nofsinhar beni tal-familja Mangion, mil-lvanta mat-Triq taż-Żebbuġ u tramuntana ma' passaġġ, stmata mill-perit tekniku tal-valur ta' erbgħin elf ewro (€40,000);[3] murija fuq il-pjanta a fol. 256;

(iii) **Raba' magħrufa bħala "tas-Sellun" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' elf ħames mija u sittin metru kwadru (1560m.k.),** tmiss tramunata ma' beni tal-familja Mangion, nofsinhar ma' beni tal-familja Cini u punent ma' beni tal-familja Camilleri, stmata mill-perit tekniku tal-valur ta' tnax il-elf ewro (€12,000);[4] murija fuq il-pjanta a fol. 257;

(iv) **Raba' magħrufa bħala "tas-Sellun" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' tmien mija u għaxar metri kwadri (810m.k.),** tmiss punent u nofsinhar ma' beni tal-familja Cini, u lvant mat-Triq taż-Żebbuġ, stmata mill-perit tekniku tal-valur ta'erbat elef ewro (€4000);[5] murija fuq il-pjanata a fol. 260;

(v) **Raba' magħrufa bħala "ta' Abram" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' tlett elf sitt mija u ħmistax il-metru kwadri (3615m.k.), b'kamra il-permess ġewwa fiha,** u tmiss punent ma Triq Mons. Depiro, lvant Triq taż-Żebbuġ, u nofsinhar ma' passaġġ, stmata mill-perit tekniku tal-valur ta' mitt elf ewro (€100,000);[6] murija fuq il-pjanta a fol. 259;

(vi) **Raba' magħrufa bħala "taċ-Ċaqra" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' elf erba' mija u sbatax il-metru kwadru (1417m.k.),** tmiss lvant ma' beni ta' Francis Mallia, nofsinhar mitta' beni ta' Pupull Cassar, u punent ma' beni

[1] Ara l-parti tar-relazzjoni tiegħu a fol. 239 – 241 tal-proċess
[2] Ara risposta in eskussjoni tiegħu fil-paragrafu 4 a fol. 309
[3] Ara relazjoni tiegħu a fol. 238 – 239
[4] Ara relazzjoni tiegħu a fol. 239
[5] Ara relazzjoni tiegħu a fol. 242
[6] Ara relazzjoni tiegħu a fol. 241 - 242

ta' Wigi Cini, stmata mill-perit tekniku tal-valur ta' sitt elef euro (EUR6000);[7] murija fuq il-pjanta a fol.261.[8]

**2. MOBBLI:**

(i) Dawn huma l-oġġetti kollha ndikati fl-inventarju esebit a fol. 117 – 119 tal-proċess, ħlief għall-erba' mħaret tal-mutur, indikati bħala "*plough motors 1, 2, 3 u 4*" fl-istess inventarju u mmarkti bin-numri 10, 11, 14 u 30 fil-lista ta' dawn l-oġġetti;[9]

(ii) Hemm għall-qasma wkoll il-kumpens li għad irid jagħti l-Gvern għall-esproprjazzjoni ta' partijiet mir-raba' hawn fuq elenkati biex twessaw xi toroq.

**B. Dawk provenjenti mill-wirt ta' Guzeppi Buttigieg:**

**1. IMMOBBLI:**

Jirriżulta li dan, flimkien ma' oħtu xebba Dolora, kien xtara żewġ biċċiet **raba magħrufa "taċ-Ċnus", limiti taż-Żebbuġ, Għawdex,** permezz ta' kuntratt in atti Nutar Maurice Gambin tal-10 ta' Ottubru 1985.[10] Il-parti tal-kejl ta' 142m.k. kienet ġiet esproprjata mill-Gvern, u għalhekk il-perit tekniku għamel valutazzjoni biss tal-parti l-oħra. Din il-parti, deskritta fil-kuntratt ta' akkwist tal-kejl ta' 234 m.k. u tmiss tramuntana beni ta' John Saliba, punent beni ta' Joseph Cini u nofsinhar ma' entrata jew passaġġ, ġiet stmata mill-perit tekniku tal-valur ta' mija u tmenin elf euro (€180,000), u tinsab murija bl-ittra 'B' fuq il-pjanta esebita a fol. 262. Lill-werrieta ta' Gużeppi Buttigieg imisshom nofs indiviż minn din il-parti. In-nofs indiviż l-ieħor jappartjeni lill-atturi bħala werrieta ta' Dolora Buttigieg.

**2. MOBBLI:**

(i) Irriżulta li fil-Bank of Valletta għad hemm depożitat kont f'isem Guzeppi Buttigieg fl-ammont ta' €1855.56;[11]

(ii) Jidher li għadu dovut mill-Gvern il-kumpens għall-esproprjazzjoni tal-għalqa "taċ-Ċnus". Lill-werrieta ta' Guzeppi Buttigieg imisshom nofs indiviż minn dan il-kumpens;

(iii) L-erba' mħaret msemmija hawn fuq li kienu nxtraw minnu.

---

[7] Ara relazzjoni tiegħu a fol. 242 - 243

[8] Ara denunzji tas-suċċessjoni rispettivi tagħhom esebiti bħala Dok. B 4 a fol. 18 – 20, u Dok. C4 a fol. 29 - 33. Jidher li Angelica Buttigieg kellha wkoll xi ishma minn proprjetajiet oħra parafernali tagħha li pero' mhux qed tintalab il-qasma tagħhom, billi dawn jinvolvu lil terzi li mhumiex parti fil-kawża.

[9] Ara affidavit tal-attriċi esebit bħala Dok. MG a fol. 168 – 170, u kopji ta' riċevuti esebiti bħala Dokti. MG 3 sa MG 6 a fol. 174 – 177;

[10] Ara kopja ta' dna il-kuntratt esebita bħala Dok. MG 2 a fol. 178 – 182;

[11] Ara xhieda ta' Alvin Scicluna a fol. 211 - 213 u statement minnu esebit a fol. 214.

**L-ishma rispettivi tal-kontendenti minn dawn l-assi:**

Il-konjuġi **Emanuel u Angelica Buttigieg** kellhom sitt ulied li kollha ġew nominati eredi universali tagħhom.[12] **Guzeppi Buttigieg** miet ġuvni u ntestat fis-6 ta' Diċembru 1995[13] u għalhekk wirtuh il-ħames ħutu l-oħra. **Dolora Buttigieg** mietet xebba fit-2 ta' Diċembru 2010 u ħalliet bhala eredi tagħha lill-atturi.[14] **Mary Jane mart John Spiteri** mietet fl-10 ta' Diċembru 1981 u wirtuha l-ħames (5) uliedha: l-attriċi, Salvu Spiteri, **Michael Spiteri** li miet intestat fil-mori tal-kawża u wirtuħ skont il-liġi martu Salvina Spiteri, kwantu għal nofs indiviż (1/2), u t-tliet (3) uliedu Noel Spiteri, Joseph John Spiteri u Mary Jane mart Charles Azzopardi kwantu għan-nofs indiviż (1/2) l-ieħor;[15] Emanuel Spiteri, u Maria xebba Spiteri. **John Buttigieg** miet fl-24 ta' Marzu 1990 u wirtuħ it-tliet (3) uliedu: Salvinu Buttigieg, Rita Costa u Mary Jane mart Mario Camilleri. **Michael Buttigieg** miet ukoll fil-mori tal-kawża fit-30 ta' Settembru 2017, u ħalla bħala eżekuturi testamentarji tiegħu liż-żewġ uliedu Julie Anne Buining u Donna Maree Nagle.[16] **Antonia mart Joseph Sultana** mietet improle fit-13 ta' Frar 1996, u ħalliet bħala eredi tagħha lil żewġha. Dan imbagħad ħalla bħala eredi tiegħu lil George u Rose konjuġi Sultana.[17]

Jiġi għalhekk li l-ishma rispettivi tal-kontendenti minn dawn l-assi huma s-segwenti:

(1) tal-attriċi **Carmen Gauci**: 1/5 x 1/5 =1/25 li wirtet mingħand ommha, flimkien mal-1/10 li wirtet mingħand zijitha Dolora = 1/25 + 1/10 = 14/100;

(2) tal-attur **Angelo Gauci**: 1/10 li wiret mingħand Dolora Buttigieg;

(3) tal-konvenut **Salvu Spiteri**: 1/5 x 1/5 li wiret mingħand ommu Mary Jane Spiteri = 1/25;

(4) tal-konvenuta **Salvina Spiteri**, armla ta' Michael, li wirtet mingħand omm żewġha Mary Jane Spiteri: ½ x 1/5 x 1/5 = 1/50;

(5) tal-konvenut **Noel Spiteri**, bin Michael, li wiret mingħand nantu Mary Jane Spiteri: 1/6 x 1/5 x 1/5 = 1/150;

(6) tal-konvenut **Joseph John Spiteri**, bin Michael, li wiret mingħand nantu Mary Jane Spiteri: 1/6 x 1/5 x 1/5 = 1/150;

(7) tal-konvenuta **Mary Jane Azzopardi,** bint Michael, li wirtet mingħand nannitha Mary Jane Spiteri: 1/6 x 1/5 x 1/5 = 1/150;

---

[12] Ara kopja tat-testament unica carta tagħhom esebita bhala Dok.D a fol. 36 -39, u kopja tat-testment ta' Angelica Buttigieg esebita bhala Dok.E a fol. 40 -41
[13] Ara ricerki testamentarji tiegħu esebiti bhala Dokti G2 u G3 a fol. 54, 55
[14] Ara kopja tat-testmenti tagħha esebiti bhala Dok.J 4 u J5 a fol. 81,82

[15] Ara rikors tal-eredi tiegħu tat-23 ta' Mejju 2018, u digriet reklattiv tal-20 ta' Mejju 2018 a fol. 315
[16] Ara rikors ta' Dr. Anton refalo noe. Tat-30 ta' Ottubru 2018 a fol.322 u digriet relattiv a fol.337
[17] Ara dokti H4, a fol. 66 - 67, u I 4 a fol.76 -77

(8) tal-konvenut **Emanuel Spiteri,** li wiret mingħad ommu Mary Jane Spiteri: 1/5 x 1/5 =1/25;

(9) tal-konvenuta **Maria xebba Spiteri,** li wirtet mingħand ommha Mary Jane Spiteri: 1/5 x 1/5 = 1/25;

(10) tal-konvenut **Salvinu Buttigieg**, li wiret mingħand missieru John Buttigieg: 1/3 x 1/5 = 1/15;

(11) tal-konvenuta **Rita Costa**, li wirtet mingħand missierha John Buttigieg: 1/3 x 1/5 = 1/15;

(12) tal-konvenuta Mary Jane Camilleri, mart Mario, li wirtet mingħand missierha John Buttigieg: 1/3 x 1/5 = 1/15;

(13) lill-konvenuta **Julie Anne Buining**, bint Michael Buttigieg: ½ x 1/5 = 1/10;

(14) lill-konvenuta **Donna Maree Nagle**, bint Michael Buttigieg: ½ x 1/5 = 1/10;

(15) lill-konvenut **George Sultana**, werriet ta' Antonia Sultana: ½ x 1/5 = 1/10;

(16) lill-konvenuta Rose Sultana, mart George, werrieta ta' Antonia Sultana: ½ x 15 = 1/10.

Huwa evidenti li tenut kont in-numru ta' kondividendi u l-ishma inugwali tagħhom, ma jistax ikun hemm diviżjoni ta' dawn il-beni bejniethom, mingħajr ħafna diskapitu. Għalhekk trid neċessarjament issir liċitazzjoni tal-istess beni, u sabiex jinġieb l-ogħla prezz, bl-ammissjoni tal-oblaturi estraneji, ħalli mbagħad ir-rikavat, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż, jiġi spartit bejn il-kondividendi, kulħadd skont is-sehem rispettiv tiegħu.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-beni ġia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Emanuel sive Manweli u Angelica konjuġi Buttigieg, billi tiddikjara illi dawn jikkonsistu fil-beni ndikati hawn fuq taħt il-paragrafu ntestat "**Dawk provenjenti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' Manweli u Angelica konjuġi Buttigieg.";**

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali, u tassenja nofs indiviż minn dawn il-beni lill-assi partikolari ta' Emanuel Buttigieg, u u nofs indiviż ieħor mill-istess beni lill-assi partikolari ta' Angelica Buttigieg;

3. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-beni partikolari ta' Emanuel Buttiigeig u tiddikjara li dawn jikkonsitu fin-nofs indiviż tal-beni ġia appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li kellu ma' martu;

4. Tilqa' r-raba talba u tiddividi l-assi ereditarji ta' Emanuel Buttigieg f'sitt porzjonijiet ugwali u tassenjahom lill-kondividendi skont l-ishma rispettivi tagħhom kif hawn fuq indikati;

5. Tilqa' l-ħames talba u tillikwida l-beni partikolari ta' Angelica Buttigieg billi tiddikjara li dawn jikkonsistu fin-nofs indiviż tal-beni ġia appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li kellha ma' żewġha;

6. Tilqa' s-sitt talba u u tiddividi l-assi ereditarji ta' Angelica Buttigieg f'sitt porzjonijiet ugwali u tassenjahom lill-kondividendi skont l-ishma rispettivi tagħhom kif hawn fuq indikati;

7. Tilqa' s-seba' talba u tillikwida l-beni tal-mejjet Guzeppi Buttigieg billi tiddikara li dawn jikkonsisti fil-beni ndikati fil-paragrafu ntestat "**Dawk provenjenti mill-wirt ta' Guzeppi Buttigieg"** hawn fuq;

8. Tilqa' t-tmien talba u tiddividi l-assi partikolari ta' Guzeppi Buttigieg f'ħames porzjonijiet ugwali li qed jiġu assenjati lill- kondividendi skont l-ishma rispettivi tagħhom kif hawn fuq indikati;

9. Tiċħad id-disa talba' billi mhux prattikabbli li ssir diviżjoni fiżika ta' dawn l-assi bejn il-kondividendi kollha mingħajr diskapitu;

10. Tilqa' l-għaxar talba u tordna l-liċitazzjoni tal-istess beni, u sabiex jinġieb l-ogħla prezz, bl-ammissjoni tal-oblaturi estraneji, ħalli mbagħad ir-rikavat, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż, jiġi spartit bejn il-kondividendi, kulħadd skont is-sehem rispettiv tiegħu.

Billi din hija kawża għad-diviżjoni, l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati mill-kondividendi kollha, kulħadd skont is-sehem rispettiv tiegħu.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur